StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

**IR-RABA' SENA** **L-ISTORJA (OPTION)** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

# L- ISTORJA TA' MALTA

**1. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors A:** Giorgio Mitrovich

1.1. Giorgio Mitrovich kien politiku liberali. X'tifhem bil-kelma liberali?

______________________________

______________________________ (1)

1.2. Semmi politiku ieħor li ħadem ħafna ma' Mitrovich.

______________________________ (1)

1.3. Liema dokument importanti ingħata mill-Maltin lir-Re Ingliż fl-1802?

______________________________ (1)

1.4. Semmi talba li l-Maltin kitbu f'dak id-dokument.

______________________________ (1)

1.5. X'għamel Mitrovich biex imexxi 'l quddiem il-qagħda politika tal-Maltin?

______________________________

______________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1.6. Għaliex il-politiċi liberali ma kinux kuntenti bil-kunsill tal-1835?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

1.7. Liema żvilupp demokratiku seħħ bl-għotja tal-kostituzzjoni tal-1849?

______________________________________________________________________ (1)

1.8. Għid kif il-Maltin tejbu l-qagħda politika tagħhom permezz tal-libertà tal-istampa?

______________________________________________________________________ (1)

1.9. X'tifhem bil-kliem "membru uffiċjali tal-Kunsill tal-Gvern"?

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**2. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**




**Sors B**



**Sors C**

2.1. X'relazzjoni hemm bejn Sors B u Sors C?

______________________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.2. Semmi **żewġ** kawżi għall-irvellijiet ta' Ġunju 1919.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (

2.3. Għaliex dawk li kienu l-Belt ħarqu l-istamperija tad-*Daily Chronicle*?

______________________________________________________________________ (2)

2.4. X'għamlu xi suldati Ingliżi lil dawk li kienu qegħdin jiddimostraw?

______________________________________________________________________ (1)

2.5. Min kien qiegħed jiltaqa' fil-*Casino Maltese* dakinhar tas-7 ta' Ġunju 1919?

______________________________________________________________________ (1)

2.6. Liema politiku Malti kien sejjaħ u mexxa dik il-laqgħa?

______________________________________________________________________ (1)

2.7. Għaliex il-kostituzzjoni tal-1921 kienet l-aħjar waħda li kienu taw l-Ingliżi lil Malta sa dakinhar?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**3. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



**Sors D:** L-Emigranti fis-snin ħamsin

3.1. X'taħseb li ġiegħel lin-nies ta' Sors D biex jitilqu minn Malta?

______________________________________________________________________ (1)

3.2. Semmi **żewġ** pajjiżi fejn setgħu marru dawk l-emigranti.

_______________________________ _______________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3.3. Semmi **żewġ** pajjiżi fejn kienu jemigraw il-Maltin lejn tmiem is-seklu 19.

____________________ ____________________ (2)

3.4. X'taħseb li se jagħmlu dawk l-emigranti fil-pajjiżi fejn sejrin?

________________________________________ (1)

3.5. Semmi effett negattiv tal-emigrazzjoni.

________________________________________ (1)

3.6. B'liema **żewġ** modi l-Gvern Ingliż kien jgħin lill-emigranti?

________________________________________

________________________________________ (2)

3.7. Għaliex taħseb li l-lingwa Ingliża kienet importanti għall-emigranti li jidhru f'Sors D?

________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**4. Ikteb fit-tul fuq karta separata dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**

4.1. X'kienet il-Kwistjoni tal-Lingwa? X'kienu l-argumenti ta' dawk favur il-lingwa Ingliża u dawk favur il-lingwa Taljana? Kif issolviet din il-kwistjoni?

4.2. Ikteb paragrafu dwar kull waħda minn dawn:
   a) il-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn Strikland u l-Knisja fl-1930
   b) il-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn l-MLP u l-Knisja fl-1961 u l-1962

4.3. Xi żvilupp seħħ f'dawn l-oqsma fi Żmien l-Ingliżi:
   a) l-edukazzjoni
   b) is-saħħa u l-iġene pubblika
   c) il-Port il-Kbir
   d) it-Tarzna

**(Total: 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"It is difficult, in fact, to discover any cause of hostility between the European Great Powers in the early summer of 1914. But there was one cause which kept them apart. This was the system of alliances which distanced the Great Powers unnecessarily. These alliances dragged the Great Powers into wars which did not concern them. They were supposed to make for peace but they made for war. They were supposed to make the Powers secure but they dragged them into danger."

(**Sors E:** adapted from A.J.P. Taylor, "The Entente that ended in slaughter", in *The Guardian,* 4th August 1984)

5.1. Dan is-sors huwa primarju jew sekondarju? Għid għaliex.

______________________________________________ (2)

5.2. Is-sors isemmi l-Qawwiet Kbar Ewropej. Semmi **tnejn** minnhom.

____________________ ____________________ (2)

5.3. Fis-sors insibu li kien hemm ostilità bejn dawn il-Qawwiet Ewropej. Semmi **żewġ** kawżi għal din ir-rivalità u pika.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.4. Is-sors isemmi sistema ta' alleanzi. Liema politiku Ġermaniż beda din is-sistema?

______________________________________________(1)

5.5. Għaliex inħolqot din is-sistema ta' alleanzi bejn il-Qawwiet il-Kbar Ewropej?

______________________________________________(1)

5.6. Għaliex l-awtur tas-sors jgħid li din is-sistema ta' alleanzi falliet?

______________________________________________(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.7. X'avveniment importanti seħħ f'Sarajevo, fil-Bosnia fit-28 ta' Ġunju 1914?

______________________________________________________________________

5.8. Liema trattat ta' paċi ġie ffirmat mal-Ġermanja wara l-Ewwel Gwerra Dinjija?

______________________________________________________________________(1)

5.9. Semmi **żewġ** kundizzjonijiet li kellu dan it-Trattat fuq il-Ġermanja.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5.10. X'organizzazzjoni twaqqfet wara l-Ewwel Gwerra Dinjija biex tevita gwerra kbira oħra fil-futur?

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 15-il marka)**

**6. Ħares lejn il-personaġġi f'dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Il-Ġeneral



Kittieb Rivoluzzjonarju



Il-politiku



Ir-Re

**Sors F**

6.1. Dawn il-personaġġi huma marbutin ma' ġrajja importanti fl-istorja tal-Italja. X'kienet din il-ġrajja?

______________________________________________________________________(1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6.2.1. Min kien il-Ġeneral li jidher f'dan is-sors? ______________________________ (1)

6.2.2. Dan il-personaġġ mexxa l-Espedizzjoni tal-Elf. X'ġara f'din l-espedizzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6.2.3. Liema belt kienet mixtieqa minn dan il-Ġeneral sabiex mill-ewwel tkun bħala l-kapitali tal-Italja?

______________________________________________________________________ (1)

6.2.4. Għaliex din ix-xewqa ma kinitx possibbli dak iż-żmien?

______________________________________________________________________ (1)

6.3.1. Min kien il-kittieb rivoluzzjonarju li jidher fis-sors?

______________________________________________________________________ (1)

6.3.2. X'forma ta' gvern xtaq li jkollha l-Italja?

______________________________________________________________________ (1)

6.3.3. F'liema belt Taljana mexxa r-rivoluzzjoni fl-1848?

______________________________________________________________________ (1)

6.4.1. X'kien jismu l-politiku li jidher f'dan is-sors? ______________________________ (1)

6.4.2. X'kariga kellu fis-saltna ta' Sardinja?

______________________________________________________________________ (1)

6.4.3. Ma' liema pajjiż ftiehem biex jikseb l-għajnuna kontra l-imperu Awstrijakk?

______________________________________________________________________ (1)

6.5.1. X'kien jismu r-re li jidher fis-sors? ______________________________ (1)

6.5.2. Ma' liema personaġġ ieħor li jidher f'dan is-sors kien jiftiehem l-iżjed ir-re? Għid għaliex.

______________________________________________________________________ (2)

**(Total: 15-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**7. Ikteb fit-tul fuq karta separata dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

7.1. X'tifhem bir-"Rivoluzzjoni Industrijali"? Għaliex bdiet fl-Ingilterra fi tmiem is-seklu 18? Kif infirxet fl-Ewropa matul is-seklu 19? Kif biddlet il-ħajja tan-nies b'effetti pożittivi u negattivi?

7.2. Ikteb dwar kif Adolf Hitler ħa l-poter fil-Ġermanja u kif it-tmexxija tiegħu waslet biex bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija.

7.3. L-1830 hija meqjusa bħala sena ta' rivoluzzjonijiet fl-Ewropa. Għaliex kien hemm dawn ir-rivoluzzjonijiet? Iddeskrivi x'ġara fi Franza u fil-Belġju matul dik is-sena ta' rivoluzzjoni.

**(Total: 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers